QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

Maġistrat Dr. Simone Grech LL.D

Seduta Collisions

Il-Pulizija

vs

Samantha Cuschieri

Illum, 2 ta' Ottubru, 2020.

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Samantha Cuschieri, bint Francis Cuschieri u Lorraine nee' Camilleri, imwielda fl-24 ta' Lulju 1992, u toqgħod 37, Fl 2, Triq Filippo Apap Bologna, Mosta, bil-karta tal-identità numru 0361192M, fejn ġie akkużatha li:

*"talli fl-20 ta' Frar 2017 ghall-hata ta' 18.15hrs fi Triq San Bastjan Hal Qormi, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni KBL 693:*

1. *U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku hbatt ma' vettura nru HBM 907 w involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta' Laura Dimech,*

2. *U aktar talli nqast u/jew irrifjutajt li taghti jew tajt falz lill-pulizija u cioe' lil PC 903 u/jew ufficjal iehor meta talabkom waqt il-qadi ta' dmirjietu ismek, u konjomok, fejn toqghod u partikolarijiet ohra.*
3. *U aktar talli nqast li tobdi l-ordni tal-pulizija meta gejt avzat bil-fomm jew b' avviz bil-miktub sabiex tattendi l-Ghassa tal-Pulizija jew f' xi post iehor indikat mill-Pulizija sabiex tipprezenta d-dokumenti mehtiega mill-istess pulizija;*
4. *U aktar talli nqast li tobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilek mill-pulizja waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew ma hallejtx, jew fixkilthom jew b' xi mod bla jedd indhalt fl-istess dmirjiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu;*
5. *U aktar talli soqt l-imsemmija vettura bil-mutur jew vettura ohra, minghajr licenza tas-sewqan;*
6. *U aktar talli soqt l-istess vettura minghajr ma kont kopert b' polza tas-sigurta dwar ir-riskji tat-terzi persuni;*
7. *U aktar talli nqast li tipproduci l-licenza tas-sewqan meta gejt mitlub taghmel hekk mill-Pulizija jew mill-awtorita' fi zmien kif stipulate mil-ligi;*
8. *U aktar talli nqast li tipproduci l-polza tal-assikurazzjoni hekk kif gejt mitlub mill-Pulizija.*

*Il-Pulizija titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan."*

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi mressqa;

Semgħet trattazzjoni;

Rat li l-kawża kienet differita għal-lum għas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-parti allegatament leża, Laura Dimech, ma xehditx f'dawn il-proċeduri u in fatti, kienet iddikjarat li hija ma għandhiex interess tixhed f'dawn il-proċeduri. Wara tali dikjarazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma resqitx lil Laura Dimech bħala xhud. Għalkemm ġie ppreżentat affidavit ta' PC 903 fejn dan spjega r-rapport li kienet għamlet Laura Dimech, u li huwa kkomunika ma' ċerta Samantha Cuschieri tramite n-numru li ġie mgħoddi lil Dimech mill-istess Cuschieri wara li seħħ l-inċident, din il-Qorti tqis li l-aħjar prova fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni, ma tressqitx. Għalhekk, l-ewwel imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

In vista li l-imputata sejra tiġi liberata mill-ewwel imputazzjoni, hija lanqas ma hija ser tinsab ħatja tal-ħames u tas-sitt imputazzjoni, stante li dawn huma konnessi direttament mal-fatt ommeno jekk seħħitx il-kolliżżjoni rapportata, u jekk kinitx l-istess imputata li allegatament kienet qed issuq il-vettura bin-numru KBL 693 fid-data, ħin u lok indikat fl-akkuża. Ġialadarba ma tressqitx prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli dwar dan l-inċident, il-Qorti sejra tillibera lill-imputata wkoll mill-ħames u s-sitt imputazzjoni.

It-tieni imputazzjoni, it-tielet imputazzjoni, ir-raba' imputazzjoni, is-seba' imputazzjoni u t-tmien imputazzjoni, kollha jirrigwardaw akkużi relatati ma' ordnijiet li ngħataw mill-Uffiċjal tal-Pulizija, liema ordnijiet ma ġewx obduti. In fatti, il-persuna li magħha kkomunika PC 903, jidher li naqset li tagħti n-numru tal-karta tal-identità tagħha lill-istess uffiċjal, ma attendietx flimkien ma' ommha ġewwa l-Għassa hekk kif mitluba entrambi; ma pproduċietx l-liċenzja tas-sewqan hekk kif mitluba, ma pproduċietx il-polza tal-assigurazzjoni hekk kif mitluba. Il-Prosekuzzjoni kellha tressaq provi lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li l-persuna li kienet qed tiġi mitkellma, kienet proprju l-imputata. Madanakollu, il-Prosekuzzjoni straħet fuq il-fatt li l-*mobile* li ġie mgħoddi lilha minn Laura Dimech, kien ta' ċerta Samantha Cuschieri, liema fatt ġie kkonfermat mis-sistema tal-Pulizija. Il-Pulizija setgħet ukoll tikkonstata mis-sistema tagħha, li l-vettura involuta kienet reġistrata f'isem Lorraine Cuschieri, li rriżultat tiġi omm Samantha Cuschieri. Dak li l-Prosekuzzjoni iżda ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, huwa l-identità tal-persuna li kienet qed tiġi mitkellma. Il-persuna li setgħet irrispondiet il-*mobile,* setgħet kienet persuna oħra li qalet li jisimha Samantha. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li verament dik il-persuna li kienet qed tirrispondi l-*mobile,* kienet proprju l-imputata. Lanqas ma saru tentattivi biex l-imputata tiġi mfittxija fir-residenza tagħha ħalli b'hekk, tkun tista' tiġi stabbilita l-identità tal-persuna li kienet qed tiġi mitkellma.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti tqis li dawn l-imputazzjonijiet, u ċioè t-tieni, t-tielet, ir-raba', is-seba' u t-tmien imputazzjoni, ma ġewx ippruvati lil hinn minn kull dubju raġjonevoli.

**Deċide**

**Għal raġunijiet fuq esposti, din il-Qorti qiegħda tillibera lil Samantha Cuschieri mill-imputazzjonijiet kollha.**

**Maġistrat Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**